# TRIBUNAL TAT-TALBIET IZ-ZGHAR
## (GHAWDEX)

**GUDIKATUR: Dr Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru 2001**

Fl-atti ta' l-Avviz numru 33/01
Fl-ismijiet:

Simon Sultana

-vs-

Saviour u Carmen konjugi Tabone, Victor u Mary konjugi Tabone, Michael u Josephine konjugi Tabone u Francis u Giorgia konjugi Tabone

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba fejn l-attur ippremetta illi ghandu jiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin lira u tnax-il centezmu (Lm651.12) dovuti lilu bhala hlas ta' bonus, weekly allowance, vacation leave u tal-festi pubblici u dana meta huwa kien jahdem ma' l-intimati fir-razzett taghhom f'Ghajn Tuta Street, Kercem, Ghawdex u dana bejn it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 1998 sad-19 ta' Mejju 2000.

Illi l-konvenuti ghalkemm gew interpellati biex ihalsu l-ammont minnhom dovut dawna baqghu inadempjenti.

Talbu li l-konvenuti jigu kkundannati in solidum bejniethom li jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin lira u tnax-il centezmu (Lm651.12) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata li hija dovuta minn dan it-Tribunal.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tad-9 ta' Frar 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fid-dritt u fil-fatt;

2. illi l-ammont ta' sitt mija wiehed u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm651.12) gia thallas lill-attur mill-konvenuti u ghalhekk l-attur ma hux dovut ebda hlas.

3. Illi l-attur kien impjegat ma' "Tabone Brothers", li diretturi taghha huma l-istess konvenuti, bejn il-perjodi 1 ta' Jannar 1999 sal-21 ta' Novembru 1999, kif ukoll mill-1 ta' Jannar 2000 sal-21 ta' Mejju 2000, b'salarju baziku ta' Lm47.80 u Lm48.40 fil-gimgha rispettivament.

4. Illi kif jista' jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-konvenuti halsu lill-attur is-salarju gross ta' Lm3,057 u Lm1,151 rispettivament ghall-perjodi msemmija fil-paragrafu precedenti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra

Illi ghalkemm certament dan it-Tribunal m'huwiex sejjer joqghod fuq x'jahseb haddiehor, min-naha l-ohra huwa sinifikanti dak li qal ir-rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol, prodott mill-istess attur, u cioe' illi d-Dipartiment tieghu, li quddiemu ressaq il-kaz tieghu l-attur, wara li ghamel l-indagazzjonijiet tieghu, ikkonkluda li ma kienx hemm provi fuq xhiex seta' jibni kaz, tant illi l-attur spicca biex iffirma halli jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jieqaf hemm. Naturalment dan bl-ebda mod ma jfisser li rrinunzja ghad-dritt tieghu li jirrikorri ghal proceduri gudizzjarji huwa stess, kif fil-fatt ghamel.

Illi l-FS3 tal-1999 u tal-2000 juru t-total gross li qala' l-attur f'dawn is-snin rispettivi. Fl-ittra tieghu lid-Dipartiment tas-7 ta' Lulju 2000, il-konvenut Saviour Tabone spjega f'hiex kienu jikkonsistu l-ammonti ta' paga hemm dikjarati. Dawn jinkludu paga, overtime, hlas ta' vacation leave pro rata , u bonus pro rata. L-attur bl-ebda mod ma' rnexxielu jimpunja dawn id-dokumenti ufficcjali. L-unika haga li tirrizulta monka minn dawn id-dokumenti huwa l-perjodu ta' bejn it-22 ta' Novembru 1999 sal-31 ta' Dicembru 1999, f'liema perjodu l-konvenuti fir-risposta taghhom jghidu li l-attur ma kienx jahdem maghhom, mentri fil-fatt skond l-FS3 huwa kien impjegat maghhom anke f'dan il-perjodu. Certament ghalhekk kien intitolat ghall-bonus, allowance, u leave pro rata ghal dan il-perjodu ukoll, u dawn it-Tribunal qieghed jillikwidahom, arbitrio boni virii, fis-somma ta' LM100.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur izda limitatament ghas-somma ta' LM100 u jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tal-istess. Spejjez inkluzi d-drittijiet tal-avukati li ppatrocinaw lill-partijiet f'din il-kawza jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenuti.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur